



C/2024/5679

19.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.11683 – TURNER / DORNAN)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5679)

1. Fit-12 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Il-Korporazzjoni TURNER ("Turner"), l-Istati Uniti, ikkontrollata minn Actividades de Construcción y Servicios, ("ACS"), Spanja,
- Dornan Engineering Holdings Limited (iktar' il quddiem "Dornan"), l-Irlanda.

Turener se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Dornan.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Turner u l-kumpanija omm aħħarija tagħha ACS jipprovdu servizzi ta' kostruzzjoni globalment u lit-tipi kollha ta' klijenti u industrij,
- Dornan tipprovdi servizzi ta' inġinerija mekkanika u elettrika, b'mod partikolari fl-oqsma taċ-ċentri tad-data u l-faċilitajiet tax-xjenza tal-ħajja. Hija attiva primarjament fl-Irlanda, fin-Netherlands u fid-Danimarka kif ukoll f'pajjiżi Ewropej oħra, fir-Renju Unit u fl-Iżvizzera.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ⁽²⁾ jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11683 – TURNER / DORNAN

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (the "Merger Regulation").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
